# Żvilupp Urban fil-Bidu tas-Seklu Għoxrin f'Ħal Qormi

**Vince Peresso**

Fil-bidu tas-seklu għoxrin l-iżvilupp urban li kien beda jsir f'Ħal Qormi kien fl-inħawi ta' Triq San Sebastjan. Beda l-ewwel fi Triq San Bartilmew f'dik il-parti minn fejn il-Knisja ż-Żgħira ta' San Bastjan sat-tarf ta' Triq il-Vitorja. Hekk jindikaw żewġ opramorti f'dik it-triq. Qed nirreferi għall-opramorta tad-dar ta' fejn toqgħod il-familja Saliba taż-Żgħajjar kif ukoll id-dar kantuniera ma' Triq Spiteri Fremond li fl-opramorta tagħha hemm indikat li nbniet minn Carmelo Debono. Dawn iż-żewġt idjar fl-opramorta għandhom id-data 1902 u 1903 rispettivament. Kumbinazzjoni dawn iż-żewġ familji għandhom rabta mas-Soċjetà Filarmonika Pinto.






Membri mir-razza taż-Żgħajjar f'dawk l-ewwel snin tas-seklu għoxrin kienu jew bandisti jew membri tal-Kumitat. Wieħed minnhom, Salvatore Saliba, kellu anki ħanut tax-xorb f'dawk l-inħawi li fih fl-1907 kienet saret seduta ġenerali straordinarja tal-Każin Pinto fil-kwistjoni li kienet inqalgħet ma' Andrea Abela 'ta' Feliċa', liema kwistjoni hi magħrufa bħala 'tal-Banda taz-Zokk'. Carmelo Debono hu n-nannu ta' Sebastian Debono li bejn 1970 u l-1998 okkupa l-kariga ta' President tas-Soċjetà Filarmonika Pinto. Però f'din id-dar, kantuniera ma' Triq Spiteri Fremond, il-familja Debono kellhom fabbrika tal-luminata. Id-djar l-oħra f'dawk l-inħawi nistgħu ngħidu li nbnew f'dawk l-ewwel snin tas-seklu għoxrin.

F'din l-istess parti tat-triq hemm ukoll id-dar tat-Tabib Francis Muscat li fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija kien it-tabib tal-Gvern ġo Ħal Qormi. Din id-dar bejn l-1927 u l-1933 serviet bħala s-sede tal-Każin Pinto. Kienet proprjetà ta' Carmelo Saliba li iżda fl-1932 biegħha lil Cassar tal-Marsovin. Kien għalhekk li s-Soċjetà sabet sede oħra li hu

l-każin tal-lum. Din id-dar inbniet flimkien mad-dar tal-familja taż-Żgħajjar kif jidher bl-aktar mod ċar meta nqabblu l-istili u l-linji. Interessanti li s-saljaturi tal-galleriji f'dawn iż-żewġt idjar hemm imnaqqxa raġel bit-turban u mara bil-kullana. F'dik l-istess parti tat-triq kien joqgħod ukoll Feliċ Mizzi 'il-Luqi', li iktar tard bena sew il-Każin Pinto preżenti kif ukoll iċ-Ċinema Warner, naturalment minbarra d-dar fejn kien joqgħod hu, liema dar bnieha fl-1928.

Niġu imma għall-iżvilupp urban fil-bidu tas-seklu għoxrin. Diġà s-sena l-oħra fil-ktieb tal-festa maħruġ mill-Għaqda tal-Armar San Sebastjan kont ktibt kif Triq Spiteri Fremond flimkien ma' Triq l-Armier u Triq l-Istabar ngħataw l-isem tagħhom fl-1917. Illum se naqsam magħkom xi tagħrif ieħor li sibt dwar dawn it-toroq.

Triq Spiteri Fremond hi komunament magħrufa bħala Triq 'tal-għalqa'. Dan minħabba li fit-tarf tagħhom kien hemm għalqa. Dan nista' nikkonfermah minn tagħrif li sibt waqt ir-riċerka li għamilt fl-Arkivju Nazzjonali li jinsab Santu Spirtu fir-Rabat. Il-propjetarji ta' din l-għalqa fl-1907 talbu lill-gvern sabiex il-parti t'isfel ta' Triq Spiteri Fremond u tat-toroq Armier u Stabar jingħataw lill-gvern u b'hekk ma jibqgħux propjetà privata imma jsiru propjetà pubblika. B'hekk fihom kien ikun jista' jsir il-manutenzjoni u jiddaħħlu servizzi oħra mill-Gvern.



Nhar it-8 ta' Lulju 1908 Luigi Borg minn Ħal Qormi f'isem Francesco Cachia u oħrajn minn Birkirkara, talab il-permess sabiex jestendi Triq Spiteri Fremond u jiftaħ żewġ toroq ġodda biex jgħaqqadhom ma' Triq San Bastjan. Dan l-iżvilupp qed jintalab li jsir fl-għalqa li hi propjetà ta' Cachia u ħutu. Il-permess ngħata taħt ċerti kundizzjonijiet fosthom li l-wisgħa tagħhom ikun ta' sebgħa u għoxrin pied u nofs, li jsiru skont il-liġi u taħt id-direzzjoni tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. It-toroq jidher li saru mill-propjetarji skont dawn il-kundizzjonijiet u fihom beda jsir bini ġdid.

Erba' snin wara, fit-30 t'Awwissu 1912, meta diġà kien sar xi bini fihom, l-istess Cachia talab li dawn jingħataw lill-Gvern. It-talba ntlaqgħet mill-Gvern peress li t-toroq inbnew kif suppost. Il-kuntratt ta' trasferiment sar nhar l-4 ta' Diċembru 1912. Imbagħad fl-1917 dawn it-toroq ngħataw l-ismijiet li nafuhom bihom illum.

Tajjeb insemmu min kienet il-familja Karkariża li kellha din l-għalqa. Dawn kienu Franġisku Cachia u ħutu Concetta Cachia, Karmni armla ta' Mario Cassar, Antonia mart Ġorġ Spiteri, Maria mart Karmnu Saliba, Karmni mart Luigi Cardona, Salvu Cachia, Anna mart Luigi Frendo, Ġużeppi Cachia u Ġanna Cachia. L-indirizz imniżżel hu ta'

65, Triq Ħerba, Birkirkara. Madankollu f'ittra bid-data tad-19 t'Awwissu 1912 jidhru bl-indirizz ta' 66, Triq San Pietru, Ħal Qormi. Din l-għalqa kienet kbira mhux ħażin. Tant li minn pjanta annessa jidher li din l-għalqa nqassmet f'sebgħa u għoxrin biċċa li fuqhom xi wħud mill-aħwa jew bnew dar għalihom jew inkella nnegozjawhom.



Fl-istess perjodu ltqajt ma' talba bid-data 10 ta' Ġunju 1907 għall-gabbana fi Triq San Bastjan. Dal-permess għal water stall tressaq minn Paolo Falzon li kien joqgħod fl-indirizz 19, Triq San Bastjan. It-talba ntlaqgħet tajjeb għax, kif kiteb Tancred Curmi, is-Suprentendent (Kummissarju) tal-Pulizija, dil-gabbana kienet tagħti servizz meħtieġ lin-numru mdaqqas ta' nies li jiffrekwentaw dawk l-inħawi. Għalhekk inħarġu l-permessi meħtieġa bħala Encroachment *No. 347* bid-data tal-5 ta' Novembru 1907.

Mill-pjanta annessa fil-fajl nistgħu ngħidu eżattament fejn kienet din il-gabbana, jiġifieri fil-kantuniera tal-blokk bini ta' wara l-Knisja ż-Żgħira. Qed nitkellmu mela fil-post fejn dari kien hemm il-pompa tal-petrol ta' Danjel Saliba 'l-Gagu' u l-ħanut *Pinto Coffee Bar*.



Interessanti li fil-pjanta hemm indikat fejn kien hemm il-waqfa tat-tramm fi Triq San Bastjan sewwasew faċċata fejn illum hemm il-każin tal-banda. Dil-linja tat-tramm kienet tibda mill-Belt fejn illum hemm Pjazza Tritoni, għall-Ħamrun imbagħad tiġbed lejn Ħal Qormi fi triqtha lejn Ħaż-Żebbuġ.

Dan il-fatt kien determinanti sabiex dawn l-inħawi ta' Ħal Qormi żviluppaw sew permezz ta' toroq u bini ta' djar ġodda kif ukoll permezz ta' negozji li inkludew iċ-Ċinema Warner, xi ħwienet tax-xorb, tal-merċa, skarpan, ħajjat u anki barbier. Biż-żmien din l-akwata tan-naħa ta' San Bastjan żviluppat bħala l-iktar żona kummerċjali importanti f'Ħal Qormi.

Dawn il-permessi juru kif fil-bidu tas-seklu għoxrin l-iżvilupp predominanti f'Ħal Qormi kienu fl-inħawi tal-Knisja ż-Żgħira.

**Referenzi:**

Mill-Arkivju Nazzjonali: NAM CSG02/181/08; NAM CSG02/954/07; NAM PW48 f.177

Mill-Arkivju Nutarili: Nutar tal-Gvern NAV 257 fol 2133 et